MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Numru 472/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**Versus**

**Anthony Galea**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Anthony Galea ta' 44 sena, bin Carmelo u Salvina nee Mifsud, imwieled iż-Żejtun nhar is-17 t'April 1963 u residenti no 28 Triq Mikiel Cachia, Żejtun detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 223763 (M)

Akkużat talli

(a) F’xi ħin bejn it-2 u s-6 ta’ Diċembru 1999 f’Marsaskala, ikkommetta serq ta’ mutur ta’ għamla Piaggio Typhoon bin-numru tar-reġistrazzjoni GAN-243 li kien stmat li jiswa aktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm1000 għad-dannu ta’ Timothy Mcghaern minn marsaskala, leima serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

(b) Talli fil-11 ta’ Mejju 2007 u fis-snin ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, u cioe’ laqa’ għandu mutur tal-għamla Piaggio Thphoon bin-numru tar-eġsitrazzjoni oriġinali GAN – 243 rappurtat misruq minn Marsaskala nhar is-6 ta’ Diċembru 1999 u dan sar jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’xi mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

(ċ) Talli fil- 11 ta’ Mejju 2007 u fis-snin ta’ qabel, f’diversi lokalitajiet f’awn il-Gżejjer, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħadd ieħor, f’xi document maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz billi waħħal sett ta’ pjanċi tar-eġistrazzjoni foloz bin-numru FAN-717 fuq l-imsemmi mutur tal-Piaggio Typhoon bin-numru oriġinali GAN-243 ai termini tal-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Liġijeit ta’ Malta;

(d) Talli fl-sitess żmien, lok u ċirkostanzai, għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat billi waħħal in-numru tar-reġistrazzjoni FAN-717 li jappartjenu għal mutur ieħor tal-għamla Suzuki 100 fuq mutur tal-għamla Piaggio Typhoon bin-numru oriġinali GAN-243 ai termini tal-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(e) Fl-aħħarnett talli rrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, b’sentenzi

mogħtija lilu mill-Qorti ta' Malta mill-Maġistrat Dr C Scerri Herrera LL.D datata 19 t'Ottubru 2004 liema sentenza saret definittiva u ma tista tinbidel.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedina penali tal-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 2237 tal-1963, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-ammissjoni tgal-ewwel imptuazzjoni magħmula fis-seduta tad-29 t'April 2010 kif ukoll dik magħmula fit-23 t'April 2008 fejn fl-interrogatorju huwa kien wieġeb li hu ħati tal-imptuazzjonijiet kollha barra dik tar-reċidiva (fol 9), l-istqarrija magħmula mill-imputat (a fol 12), id-dokumenti Dok AP1, l-istqarrija tal-imputat (fol 12),id-dokumenti JC (fol 16), is-sentenza esibita a fol 26 'Il-Pulizija versus Kevin Zammit, Claudio MAllia u Anthony Galea (ID223763M), u d-dokumenti SC u SC1 mill-ADT a fol 47 et.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

5. L-imputat ammetta fil-Qorti u fl-istqarrija li kien seraq dan il-mutur. Effettivament l-imputat kien qal hekk:

'Peress li ma kellix mezzi ta' transport jiena rajt dan il-mutur (GAN-243), missejtlu l-wires tal-ignition u wara li xegħlet il-bozza starjajtu bil-kickstart. Ġara wkoll li jien qlajtlu n-numru ta' wara u armejt. Jiena kont għamlit nurmi ta' mutur li kont rajt u għamilthom billi użajt biċċa plastic sewda. Kien hemm żmien meta l-mujtur tfajtu ġo għalqa.'

6. Dan ir-reat sar fis-sena 1999. Il-każ kien ippreżentat il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2007. Skond ix-xhieda ta' sid il-mutur, dan kien jiswa bejn is-Lm700 u t-Lm800. Jekk wieħed jara l-artikoli 261(ċ), (b)(g), 263, 271(g) u 278(3) u

ġġorr piena ta' massimu 4 snin priġunerija. Skond l-artikolu 688(ċ), din il-piena hija suġġetta għal preskrizzjoni tga' disa' snin.

7. Il-Qorti tqis li

(a) la l-imputat ma kienx magħruf, il-preskrizzjoni ma tibdiex ħati (artikolu 692 tal-Kap 9);

(b) li xorta ma kinux għaddew disa' snin minn mindu twettaq ir-reat sakemm il-każ tressaq il-Qorti u beda jinstema'.

8. Għaldaqstant, wara li l-Qorti qieset dan il-punt legali kif ukoll l-ammissjoni tal-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-imputat huwa ħati ta' din l-imputazzjoni għax kienet ippruvata skond il-Liġi.

**It-tieni Imputazzjoni**

9. Din hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u għalhekk il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħha.

**It-tielet Imputazzjoni u r-Raba' Imputazzjoni.**

10. Dawn iż-żewġ imputazzjonijiet ser jittieħdu flimkien.

11. Bit-tielet imputazzjoni l-imputat kien ikun akkużat b'reat li xjentement g]amel dikjarazzjoni jew stqarrija falza f'xi dokument ma]sub g]al xi awtorita' pubbliku. (Artikolu 188 tal-Kap 9).

12. Bir-raba' imputazzjoni l-imputat qed ikun akkużat b'reat taħt l-artikolu 189 tal-Kap 9, meta wieħed ikun għamel xi użu minn document falsifikat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar dawn iż-żewġ imputazzjonijiet**

13. Ukoll jekk il-pjanċi jitqiesu bħala dokument, tibqa' l-problema legali jekk it-twaħħil ta' pjanċi ta' mutur A fuq mutur B jammontax għal dikjarazzjoni jew stqarrija falza.

14. U dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 189 għall-fatti odjerni, jiddependi dwar il-konklużjoni li wiehed jasal għaliha dwar in-natura tal-att tat-twaħħil ta' pjanċi ta' mutur A fuq Mutur B.

15. Iż-żewġ imputazzjonijiet immarkati (a) u (b) għandhom diċitura tal-artikoli 188 u 189 tal-Kap 9 Dawn l-artikoli jaqgħu taħt is-Sub-Titolu II intitotalt 'Fuq il-Falsifikazzjoni ta' Skritturi oħra Pubbliċi jew Privati'.

16. Il-falsifikazzjoni tikkonsisti jew billi wieħed jipprovdi dokument ġdid iżda li huwa minnu nnifsu falz u li jista' wieħed jgħaddih bħala wieħed awtentiku (are definizzjoni ta' dokument mogħtija fl-artikolu 189A tal-Kap 9) jew li wieħed jibdel xi ħaġa f'dokument awtentiku. Biex wieħed jagħti eżempju prattiku wieħed jista' joħloq ċertifiakt tat-twelid b'konnotazzjonijiet foloz u li jidher awtentiku daqs wieħed ħiereġ mir-Reġistru Pubbliku. Jew inkella li wieħed ikollu ċertifiakt awtentiku ta-ttwelid iżda li jibdel xi konnotazzjoni fih.

17. Fi kliem ieħor, biex ikun hemm il-falsifikazzjoni jinħtieġ li jkun hemm (a) dokument; (b) li jew ikun hemm 'counterfeiting' (contraffacimento) jew it-tibdil (alterazione) ta' dokument ġenwin.

18. Minħabba li l-Liġi Maltija ma tagħtix definizzjoni ta' 'Falsifikazzjoni', il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu[1] jikkwota lill-awtur Pessina kif ġej:

[1] Prof.Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II paġina 153

‘I mezzi onde al vero si puo’ sostituire cio’ che non e’ tale si riducono sempre a due, come il formare ex integro un imitazione o il modificare qualche obbietto, qualche atto, qualche scrittura vera di guisa che per effetto della trasformazione indichi tutt’altro che il vero. Il primo modo piglia nome di contraffacimento dove che l’altro dicesi alterazione.’

19. Għal x’għandu jitqies bħala dokument, il-Qorti tirreferi għal dak li qalet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-każ: ‘ Il-Pulizija versus Paul Galea’ nhar is-17 t’Ottubru, 1997. F’dak il-każ il-Qorti kienet qiset bħala ‘dokument’ ‘kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni espożizzjoni ta’ fatti jew dikjarazzjoni ta’ volonta’. B’kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprini ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta’ nies. Il-kitba f’dan is-sens tista’ ssir kemm bl-id kif ukoll b’mezzi mekkaniċi, b’mezz indelibbli jew li jista’ jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista’ jieħu imqar temporanjament il-messaġġ.

20. Abbażi ta’ din id-dottrina, l-irċevuta fiskali u t-tax invoice jistgħu jitqiesu bħala dokument. (Ara wkoll l-artikolu 189A tal-Kap 9).

21. Fl-istess kaz il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falso ideologico u il-falso materiale abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita’ materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tiegħu). Min-naħa l-oħra l-falz ideoloġiku meta għalkemm id-dokument ikun ġenwin ‘non e’ veridco, perche’ colui che lo ho formqto gli fa dire cose contrarie al vero.’

22. L’Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jgħid:

‘Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto ewsclude la genuinita’ del documento, puo’ presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche’ il documento e’ posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell’alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall’autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui or ora abbiamo parlato.’[2]

23. Il-Professur Mamo jikkwota wkoll b’approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż Kenny.

***‘Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not….Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.’[3]***

24. L-istess kummentatur jirreferi għad-dottrina Taljan msemmija aktar ‘il fuq fejn jingħad ‘that the forgery must be in the ‘materialita’ della scrittura’, that is, the public or private writing in its external conditions as a document.’ [4]

25. Il-punt li jitkellem fuqu Kenny joħroġ minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta’ l-Archbold ta’ l-1997[5] :

***‘The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report:***

***‘By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: ‘Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is***

[2] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagina 606
[3] Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II pagina 161
[4] Professur Mamo Anthony op.cit. pagian 161.
[5] Archbold ed.1997 paġina 1901 22-8

***not the making of an instrument which purports to be what it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.'      This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris……. As we have said…the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them.  We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing ….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it )or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered.***

***In R versus Moore the House of Lords construed the 1981 Act in accordance with the concept of  forgery set out in the Law Commission Report.'***

26. Il-Qorti ħasset li kellha tidħol a fondo f'din il-problema minħabba li waqt li l-każistika tal-Qrati tagħna kemm-il darba daħlet primarjament f' żewġ kwistjonijiet (i) jekk dokument hux pubbliku jew privat ( Ara fost l-oħrajn: ' Il-Pulizija versus Carmelo Borg 26 ta' Jannar 1984 dwar jekk bank draft tas-Central Bank kienx dokument pubbliku jew le, 'Il-Pulizija versus Paul Bonnici' tat-30 ta' Ġunju 1961dwar jekk liċenzja tas-sewqan hix dokument pubbliku jew le u 'Il-Pulizija versus Patrick Spiteri' (22 t'Ottubru, 2004 dwar l-elementi ta' document pubbliku) jew (ii) jekk xi oġġett hux dokument jew le (Ara: Regina versus SQ et 13 ta' Diċembru, 1954 u Il-Pulizija versus Paul Galea (ritratt ta' landrover ta' l-imputat appellant bin-numru K-2128 flok il-veru B-0544).

27. Iż-żewġ imputazzjonijiet huma redatti fis-sens li l-imputat waħħal sett ta' pjanċi kemm fit-tiet kif ukoll fir-raba' imputazzjoni.  Fl-imputazzjonijiet m'hemmx imniżżel

li l-imputat ħoloq il-pjanċi foloz hu jew li b'xi mod bagħbas ma' xi pjanċi li kien sab minn mutur ieħor.

28. Jekk l-imputat ħadem il-biċċa mod ieħor, dan mhux rifless fiż-żewġ imputazzjonijiet. [6]Minn dak li ntqal hawn fuq il-Qorti, qed tiddeċiedi li t-twaħħil ta pjanċi tal-mutur A fuq il-mutur B ma jistax wieħed iqisu bħala falsifikazzjoni għaliex la sar dokument ġdid u lanqas ma kien imbagħbas wieħed awtentiku. Konsegwentement lanqas ma wieħed jista' jgħid li l-imputat użu document falz.

29. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tielet u mir-raba' imputazzjoni.

**L-addebitu tar-reċidiva**

30. Is-sentenza ppreżentata mill-Prosekuzzjoni ngħatat fid-19 t'Ottubru 2004. L-ewwel imputazzjoni ġġib id-data tas-sena 1999. It-tieni imputazzjoni hija biss alternattiva għall-ewwel waħda u l-Qorti lliberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet li jġibu d-data tal-11 ta' Mejju 2007. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn dan l-addebitu stante li s-sentenza ngħatat **wara** li kien seħħ ir-reat deskritt fl-ewwel imputazżzjoni.

[6] Fl-istqarrija l-imputat qal: 'Jien kont għamilt numri ta' mutur li kont rajt u għamilthom billi użajt biċċa plastic sewda.' It-tifsira ta' din is-sentenza tista' tkun li waħħal pjanċa ta' mutur ieħor b'biċċa plastic. Jekk għandha tifsir mod ieħor, din it-tifsira ma taqbilx mal-kliem li hemm fl-imputazzjonijet 3 u 4.

**Konklużjoni**

**31 Il-Qorti, wara li rat l-artikoli** 261(ċ), (b)(g), 263, 271(g) u 278(3), 334(a), 188, 189, 49 u 50 tal-Kap 9, qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, mhix tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni u qed tilliberah mit-tielet, mit-raba' u mill-ħames imputazzjoni (l-aħħar waħda l-addebitu tar-reċidiva. Wara li qieset li l-imptua kien għamel ammissjoni bikrija u x-xhieda ta' Ms Jean Cali', il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------